

**L-ulied veri ta' Alla għandhom lil Alla b'missierhom u lil Marija b'ommhom; min m'għandux lil Marija b'ommu, m'għandux lil Alla b'missieru.**
San Alwiġi de Montfort

**Ejja ma nimmaġinawx li se ntappnu mill-glorja tal-Iben bit-tifħir kbir li nagħtu lil Ommu; għax aktar ma tkun imfaħħra, akbar hija l-glorja lil Binha. M'hemm l-ebda dubju li dak li ngħidu b'tifħir lill-Omm jagħti daqshekk ieħor tifħir lill-Iben.**
San Bernard.

**Ikun kemm ikun midneb, jekk ikollu devozjoni lejn Marija, hu mpossibli għalih li jintilef.**
San Illarju ta' Poitiers.

**Stkenn f'Marija għaliex hija l-belt tar-refuġju. Nafu li Mosè kien waqqaf tlett ibliet ta' refuġju għal kull min, bla ma jaf, kien qatel lil xi ġar. Issa, Alla waqqaf ukoll refuġju ta' ħniena, Marija, għal min bla ma ried ikkommetta xi ħażen. Marija tagħti kenn u qawwa lill-midneb.**
Sant'Antnin ta' Padova

# POTENTIA CORONA

josephfenech409@gmail.com
Ħarġa Nru 29

## SAN ALWIĠI GRIGNON DE MONTFORT

**Marija għandha s-setgħa fuq l-Anġli u l-Qaddisin fil-Ġenna. Bħala premju għall-umiltà kbira tagħha, Alla taha s-setgħa u l-missjoni li tassenja lill-Qaddisin it-tronijiet battala tal-anġli apostati li ntilfu minħabba s-suppervja. Din hija r-rieda ta' Alla li jista' kollox li jeżalta lill-umli, li l-qawwiet tal-Ġenna, tal-art u tal-infern, iridu u ma jridux, ikollhom jobdu l-ordnijiet tal-umli Verġni Marija. Għaliex Alla għamilha Sultana tas-sema u tal-art, mexxejja tal-armati, ħarriesa tat-teżori tiegħu, dispensatriċi tal-grazzji tiegħu, medjatriċi f'isem il-bnedmin, il-qerrieda tal-egħdewwa tiegħu, u msieħba fidila fil-ħidma u t-trijonfi tiegħu.**



**l-Papa Ljun XIII, li miet fl-1903, huwa l-aktar Papa li kiteb dwar ir-Rużarju. Ħareġ xejn inqas minn tnax-il enċiklika dwaru. Ma kellux ix-xorti li jara konferma ta' dan kollu min-naħa tas-Sema f'hajtu.**

**Kellu jkun fl-1917 li s-Sema tkellmet. F'Fatima, Marija ddikkjarat u qalet: 'Jien jien is-Sultana tar-Rużarju Mqaddes.'**

